Avviż tal-Gvern Pollakk dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi fiż-żona ta' Sochaczew-Kampinos

(2012/C 400/12)

Il-proċedura tal-offerti tikkonċerna l-għoti ta' konċessjonijiet għall-prospettar u l-identifikazzjoni ta' depożiti taż-żejt u/jew tal-gass naturali fiż-żona ta' Sochaczew-Kampinos

Nru	Isem	Nru tal-Blokk	Ftehim tal-1992	
			X	Y
1	Sochaczew-Kampinos	212, 213	515 289,07	562 275,85
			515 343,25	567 737,75
			503 178,82	579 759,21
			504 521,00	583 373,29
			487 944,49	591 280,06
			487 544,90	568 122,12
			487 472,83	562 683,93
			502 361,55	562 495,43

L-applikazzjonijiet iridu jkopru l-istess żona.

L-applikazzjonijiet ta' konċessjoni jridu jiġu ppreżentati lill-uffiċċju ċentrali tal-Ministeru għall-Ambjent sa mhux aktar tard minn nofsinhar CET/CEST tal-aħħar jum tal-perjodu ta' 180 jum li jibda fil-jum ta' wara d-data ta' pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-applikazzjonijiet riċevuti se jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) it-teknoloġija proposta għax-xogħol (40 %);

(b) il-kapaċitajiet tekniċi u finanzjarji tal-applikant (50 %);

(c) it-tariffa proposta għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri (10 %).

It-tariffa minima għall-istabbiliment ta' drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri għaż-żona ta' Sochaczew-Kampinos hija ta' PLN 56 136,44 fis-sena.

L-applikazzjonijiet se jinfetħu pubblikament fl-uffiċċju ċentrali tal-Ministeru għall-Ambjent f'nofsinhar CET/CEST fl-erbatax-il jum tax-xogħol wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet. Il-proċedura ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet se titlesta fi żmien sitt xhur wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet. L-applikanti se jirċievu avviż bil-miktub tar-riżultat tal-proċedura.

L-applikazzjonijiet iridu jiġu ppreżentati bil-Pollakk.

L-awtorità tal-liċenzjar se tagħti konċessjonijiet għall-prospettar u l-identifikazzjoni ta' depożiti taż-żejt u/jew tal-gass naturali lir-rebbieħ tal-proċedura ta' evalwazzjoni tal-offerti wara li titqies l-opinjoni tal-awtoritajiet rilevanti, u tikkonkludi miegħu kuntratt għall-użufrutt tal-minjieri.

In-negozju inkwistjoni jrid ikollu kemm drittijiet ta' użufrutt tal-minjieri kif ukoll konċessjoni sabiex isir il-prospettar għad-depożiti tal-idrokarburi fil-Polonja.

L-applikazzjonijiet għandhom jiġu indirizzati lill-:

Ministeru tal-Ambjent
Dipartiment tal-Ġeoloġija u tal-Konċessjonijiet Ġeoloġiċi
ul. Wawelska 52/54, pokój 146
00-922 Warszawa
POLSKA/POLAND

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mis-:

— Sit tal-Ministeru tal-Ambjent:

http://www.mos.gov.pl

— Barbara Gąsecka
Speċjalista Prinċipali

Ministeru tal-Ambjent
ul. Wawelska 52/54
00-922 Warszawa
POLSKA/POLAND

Tel. +48 225792444
Fax +48 225792460
Posta elettronika: barbara.gasecka@mos.gov.pl